DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUCAP SAHEL NIGER/1/2014

tal-14 ta' Jannar 2014

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)

(2014/18/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) ([1]),

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/392/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bil-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niger (EUCAP Sahel Niger), inkluża d-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap ta' Missjoni.

(2) Fit-12 ta' Novembru 2013, il-KPS adotta d-deċiżjoni EUCAP Sahel Niger/2/2013 ([2]), biex ħatar lis-Sur Filip DE CEUNINCK bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger, *ad interim*, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru 2013.

(3) Fil-5 ta' Diċembru 2013, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger, *ad interim*, mill-1 ta' Jannar 2014 sal-ħatra tal-Kap il-ġdid tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala l-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) huwa b'dan estiż sal-ħatra tal-Kap il-ġdid tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2014.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

([1]) ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP SAHEL Niger/2/2013 tat-12 ta' Novembru 2013 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 305, 15.11.2013, p. 18).